30 ta' Jannar, 1965

**Onor. Dr. Edoardo Magri, LL.D.**

Michael Cini

*versus*

Joseph Carabott, et.

**Serq — Riċettazzjoni — Solidarjetà bejn akkużati — Art. 1093 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Meta bejn ir-riċettatur u bejn min jisraq hemm akkordju preventiv, ir-riċettazzjoni ma tibqax ta' natura sempliċi iżda taqa' taħt il-forma ta' kompliċità fis-serq u l-obbligu tar-rifużjoni tal-valur ta' l-oġġetti misruqa huwa solidali bejniethom.*

*Meta l-Qorti tkun fl-impossibilità li tirrikonoxxi f'liema miżura kull wieħed mill-konvenuti pparteċipa fl-effettivazzjoni tal-fatt dannus, il-Qorti hi ġustifikata li tqishom responsabbli solidalment a bażi ta' l-art. 1093 tal-Kodiċi Ċivili.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur — premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni — premess illi fil-lejl bejn l-14 u l-15 ta' Diċembru, 1959, il-konvenuti serqu mingħand l-attur jew irċevew għandhom meta kienu jafu li dawn l-oġġetti ġejjin minn serq, kwantità ta' sigaretti ta' diversi marki u li jiswew disa' mitt lira (£900) — talab li l-konvenuti jiġu kundannati solidalment bejniethom biex jirritornaw fi żmien li jiġi lilhom prefiss kwantità ta' sigaretti ta' diversi marki li l-konvenuti serqu jew irċevew għandhom meta kienu jafu li kienet misruqa, jew in difett iħallsu lill-attur is-somma ta' disa' mitt lira (£900), prezz ta' l-istess kwantità ta' sigaretti, bl-ispejjeż inklużi dawk tal-mandat ta' sekwestru tas-26 ta' Diċembru, 1961, kontra l-konvenuti;

OMISSIS;

Ikkunsidrat:

Li l-kawsali li fuqa hija impostata d-domanda għall-ħlas tal-import tas-sigaretti li instabu fil-pussess tal-konvenuti, hija dik ta' serq jew riċettazzjoni;

Il-konvenuti qegħdin jirespinġu dawna l-imputazzjonijiet għaliex la ħadu parti fis-serq u anqas ma rċevew għandhom oġġetti li kienu jafu li ġejjin minn serq.

Ikkunsidrat:

Li, skond sentenza tal-Qorti Kriminali tat-8 ta' Frar, 1962, in re "Il-Maestà Tagħha r-Reġina vs. Francis Vassallo u Joseph Carabott", il-konvenuti ġew misjuba ħatja ta' serq kwalifikat bil-mezz, bil-ħin u valur ta' oġġetti li jiswew aktar minn mitt lira (fol: 65).

Li, però, il-Qorti, in attesa din id-deċiżjoni, sejra teżamina separatament minn dak li seta' rriżulta fil-ġudizzju kriminali, il-provi li ġew miġjuba quddiemha biex tara tistax tasal għall-konklużjoni li għaliha waslet il-Qorti Kriminali.

OMISSIS;

Ikkunsidrat:

Li, it-teżi tal-konvenut Carabott ma tidhirx aċċettabbli. Infatti rriżulta li huwa instab fil-pussess ta' l-oġġetti mirsuqa fiż-żmien reċenti għas-serq; u li dak il-pussess ma ġiex spjegat; u li l-istess konvenuti kienu fl-istess triq fejn hemm il-maħżen ta' l-attur fil-ħin tas-serq, billi ammettew illi r-rifurtiva ġiet lilhom konsenjata f'dawk l-inħawi minn persuna

mhux magħrufa. *Il-ħin u l-mod kif il-konvenuti iddisponew mir-rifurtiva u ċ-ċirkostanzi* kollha ta' kif sar il-każ, u l-kontradizzjonijiet li waqgħu fihom l-istess konvenuti meta xehdu quddiem dina l-Qorti, jinduċu x'wieħed jaħseb, li fost iż-żewġ possibilitajiet ta' riċettazzjoni jew ta' serq, il-konvenut Carabott ma jistax ikun ritenut ħati ta' *riċettazzjoni iżda ta'* serq minnu kommess flimkien *mal-konvenut* Vassallo. Il-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna hija orjentata lejn dina l-konklużjoni (Kollez. XXXI, iv, 352, 550) *li għaliha* waslu wkoll il-Qrati ngliżi ("Rex vs. Longmead", Crown Cases Reserved, 1864) fejn ġie ritenut: "When it has been shown that property has been *stolen*, and has been found recently after its losses in the possession of the prisoner...... if he had been seen near the place where the property was kept before it was stolen, they may fairly suppose that he was the thief". Dina l-presunzjoni tivvalora ruħha meta l-akkużat jinsab fil-pussess reċenti ta' oġġetti misruqa faċilment *żmerċabbli* (Kollez. XXXII, iv, 723).

Li anki kieku, per ipotesi, il-konvenut ħa parti f'dana s-serq bħala *sempliċi riċettatur*, għalkemm f'dina l-kwalità ma jistax ikun ritenut bħala kompliċi tas-serq, eppure dejjem jibqa' ħati ta' reat ta' riċettazzjoni bħala reat "a se", però irriżulta li *bejn iż-żewġ* konvenuti kien hemm akkordju preventiv, *u għalhekk*, billi r-riċettazzjoni ma tibqax ta' natura sempliċi, taqa' taħt il-forma ta' kompliċità fis-serq (*Sent. Rex vs Azzopardi* tat-23-1-1911, Pulizija *vs. Bugelli*, tal-24-1-1942 u *Kollez.* XXXVII, iv, 1059); u għalhekk il-konvenut Carabott għandu jirrispondi għall-*konsegwenzi ta'* serq kommess mill-konvenut Vassallo *f'miżura tali*, bħal kieku huwa kien l-awtur tas-serq, u għall-valur ta' l-oġġetti misruqa b'mod solidali ma' sieħbu.

*Li*, tant fid-dottrina kif fil-ġurisprudenza nsibu ribadit dan il-konċett. Giorgi, infatti, josserva: "L'azione di danni

si sperimenta contro tutti i co-autori o complici del fatto illecito; i quali, se sono responsabili direttamente, sono tenuti tutti in solido...... perchè vi sia solidarietà tra i vari coobligati, bisogna che il fatto illecito sia unico, e abbia per causa una deliberazione presa di una comune concerto, o un concorso materiale dei vari co-autori" (Obligazioni Vol. V, para. 191, 193). L-istess insenjament ġia wkoll enunzjat mill-Qrati tagħna (Kollez. XXIV, i, 528 XXXIV, ii, 518).

Li, anki kieku dina l-Qorti, skond it-tesi tal-konvenut Carabott, kienet fl-impossibilità li tirikonoxxi f'liema miżura kull wieħed mil-konvenuti ppartecipa fl-effettwazzjoni tal-fatt danus, anki f'dana l-każ kienet tkun ġustifikata li tirritjeni l-konvenut Carabott responsabbli solidalment mal-konvenut Vassallo lejn l-atur, in forza ta' dak li huwa dispost fl-Art. 1093 tal-Kodiċi Ċivili kif jinsab kommentat u rikonoxxut fil-ġurisprudenza lokali u estera (Kollez. XXIV, i, 900; XXV, i, 698; XXXIV, ii, 518; sentenzi esteri ċitati minn Baudry-Lacantinerie: Obligazioni Vol. II, para. 1303, pag. 423, u para. 1304 paġ. 425).

OMISSIS;

Għal dawna l-motivi:

Tiddeċiedi billi tilqa' t-talba ta' l-attur u tikkundanna lill-konvenuti solidalment jirritornaw dik il-kwantità ta' sigarretti li huma serqu lill-attur risultanti mid-dokument YY a fol: 43 tal-proċess wara li minnha jitnaqsu l-partiti tas-sigarretti indikati fil-lista a fol: 42 tal-proċess (Dok: XX) li ġew restitwiti lill-attur, u dana fi żmien tmint ijiem mil-lum, fin-nuqqas il-konvenuti jkunu kkundannati jħallsu in solidum lill-attur is-somma ta' £754-13-5, salv li din tiġi ridotta konformement jekk il-konvenuti jagħmlu konsenji parzjali fiż-żmien lilhom prefiss.

L-ispejjeż jitħallsu mill-kontendenti skond ir-rebħ u t-telf rispettiv.